

KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT**Raffaele FITTO****Viçi President Eżekuttiv għall-Koeżjoni u r-Riformi****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-ġeneri u tintegra perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni taż-żgħażaġh?

X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, qiegħed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twertiq ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?

Peress li kbirt fi żmien meta l-Ewropa kienet maqsuma ħafna, l-edukazzjoni tiegħi kienet ispirata mir-rispett tal-valuri u l-prinċipji minquxa fit-Trattati Ewropej: il-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-pluraliżmu, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, id-difiża tad-drittijiet ċivili, u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.

Bdejt il-karriera politika tiegħi fil-partit li jħaddan l-istess valuri tiegħi, inkluża l-vokazzjoni Ewropea tiegħu: id-“Democrazia Cristiana”. Matul il-karriera tiegħi, kelli karigi f'livelli differenti. Lokalment, wara li ġejt elett għall-ewwel darba fl-1990 bħala Kunsillier Reġjonali ta' Puglia, ġejt elett President tar-Reġjun fis-sena 2000. Minbarra li servejt diversi drabi bħala membru tal-Parlament Taljan, kont il-Ministru għall-Affarjiet Reġjonali u l-Awtonomiji Lokali (2008), imbagħad il-Ministru għall-Koeżjoni (2010), u l-Ministru għall-Affarjiet Ewropej, in-Nofsinar, il-Politiki ta' Koeżjoni, u l-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (PNRR) mill-2022. Fil-livell Ewropew, ġejt elett għall-ewwel darba bħala membru tal-Parlament Ewropew fl-1999 u mbagħad għal darb'oħra fl-2014 u fl-2019. Mill-2000 sal-2005, kont membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, fejn servejt bħala l-President tal-Kumitat għall-Politika ta' Koeżjoni Territorjali mill-2002 sal-2004.

Minn dejjem kont sostenitur sod tal-proġett Ewropew, kif ukoll tal-prinċipji u l-valuri fundamentali tal-istat tad-dritt li jirfduh. F'kontinent li ħareġ mill-ħerba ta' gwerra fratriċida, l-integrazzjoni Ewropea toffri triq 'il quddiem mingħajr preċedent, u, flimkien mal-alleanza Ewro-Atlantika, tirrappreżenta l-għodda primarja biex jiġu żgurati l-paċi, il-benesseri, il-prosperità, u s-sigurtà għall-Ewropej. L-aggressjoni brutali mir-Russja kontra l-Ukrajna u l-kunflitt fil-Lvant Nofsani juru li dan ma għandux jitqies bħala fatt. L-għaqda u d-determinazzjoni tagħna huma l-aħjar armi tagħna għas-salvagwardja ta' dawn il-kisbiet u l-valuri li fuqhom huma msejsa.

Matul id-diversi rwoli tiegħi, ksibt għarfien dirett u stajt “nesperjenza” il-politika ta' koeżjoni u ta' żvilupp reġjonali minn perspettivi differenti, kemm bħala President reġjonali kif ukoll bħala Ministru, u b'hekk ipparteċipajt bħala membru tal-formazzjoni rilevanti tal-Kunsill. Bħala membru tal-Parlament Ewropew, kont parti mill-Kumitat REGI u segwejt il-politika ta' koeżjoni bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Il-politika ta' koeżjoni hija pilastru fundamentali tal-proġett Ewropew. Fl-ittra ta' ħatra tiegħi, il-President elett von der Leyen kitbet li “il-koeżjoni Ewropea tqarreb l-Ewropa lejn iċ-ċittadini u ġġib l-Ewropej eqreb lejn xulxin.” Naqbel ma' dan, u jekk niġi kkonfermat, nimpjenja ruħi li naħdem lejn dan il-għan.

Fil- 5 snin li ġejjin, l-Unjoni Ewropea se tiffaċċja sfidi sinifikanti, bħat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, is-sigurtà f'kuntest ġeopolitiku kumpless, it-tnedija mill-ġdid tal-kompetittività tagħha f'ekonomija globali li qed tevolvi malajr, id-difiża tal-mudell soċjali u d-demokrazija tagħna, u t-tnejja għat-tkabbir futur. F'dan il-qafas, il-politika ta' koeżjoni għandha tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-Unjoni Ewropea, kif deskritt fil-linji gwida politiċi ppreżentati mill-President Elett von der Leyen. F'dan il-kuntest, se jkun essenzjali li jiġu żgurati riżorsi adegwati u li naħdmu flimkien lejn baġit sod.

L-esperjenza tiegħi bħala Ministru responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Italja, l-akbar wieħed fl-Ewropa skont id-daqs, ippermettietli nara b'mod dirett l-opportunitajiet sinifikanti li n-NextGenerationEU jirrappreżenta għall-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-isfidi u l-aspetti sensitivi ta' dan il-proġett konġunt ewlieni u storiku.

Jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nagħmel użu minn din l-esperjenza billi naħdem flimkien mal-Kummissarju għall-Ekonomija u l-Produttività, kif indikajt fl-ittra ta' missjoni tiegħi, għat-tweġġ tar-riformi u l-investimenti miftiehma stabbiliti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Istat Membru, sal-iskadenza tan-nefqa tal-2026.

Matul il-karriera tiegħi, involvejt ruħi f'diversi livelli ma' bosta politiki Ewropej u rrikonoxxejt l-importanza tal-koordinazzjoni tal-konċepiment u l-implimentazzjoni tagħhom. Jekk niġi kkonfermat, bħala Viċi President Eżekuttiv nimpinja ruħi li nikkollabora ma' kollegi responsabbli għall-Agrikoltura u l-Ikel, il-Mobbiltà Sostenibbli u t-Turiżmu, is-Sajd u l-Ekonomija Blu, u oħrajn, sabiex dawn il-politiki jiġu integrati u joperaw b'mod sinerġistiku biex jikkontribwixxu għall-prosperità tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha.

L-impenn tiegħi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa assolut peress li nemmen li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, minbarra li hija dmir, hija qabel kollox opportunità sinifikanti għall-funzjonament ta' kwalunkwe soċjetà. Għalhekk, jien iddedikat għall-promozzjoni ta' tmexxija bilanċjata bejn il-ġeneri, li tibda mill-Kabinett tiegħi, u ninsab fiduċjuż li dan se jwassal għal struttura aktar effiċjenti li kapaċi tesprimi s-sensittivitajiet diversi meħtieġa għall-aħjar teħid tad-deċiżjonijiet. Se naħdem biex niżgura perspettiva tal-ġeneru fil-politika ta' koeżjoni u fl-oqsma l-oħra kollha tal-portafoll tiegħi.

Dejjem ħeġġiġt u investejt fiż-żgħażaġħ peress li jagħmlu lis-soċjetà aktar b'saħħitha, aktar innovattiva u dinamika. F'konformità mal-prijoritajiet politiċi tal-President Elett von der Leyen, nimpinja ruħi li nagħmel l-integrazzjoni tal-perspettivi taż-żgħażaġħ fit-tfassil tal-politika prijorità fi ħdan il-portafoll tiegħi. Id-Djalogi maż-Żgħażaġħ se jkunu opportunità eċċellenti biex nisimgħu l-ħtiġijiet u l-fehmiet taż-żgħażaġħ. Għalhekk nistenna bil-ħerqa li norganizza l-ewwel djalogu tiegħi fl-ewwel 100 jum minn meta nieħu l-kariga.

Dejjem aġixxejt fl-interess pubbliku esklużiv. Jekk niġi kkonfermat, bħala Viċi President Eżekuttiv se nwettaq id-dmirijiet tiegħi fl-interess Ewropew esklużiv, filwaqt li nirrispetta bis-sħiħ l-ispirtu u l-kelma tat-Trattati b'mod partikolari l-obbligi definiti fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-indipendenza minn dejjem ikkaratterizzat l-azzjoni personali u politika tiegħi u, bħala membru tal-Kummissjoni, la jien se nfitex u lanqas nieħu struzzjonijiet minn xi Stat Membru, xi istituzzjoni oħra jew xi korp ieħor. Jien se nirrispetta u nonora sal-iċken dettall il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar il-kunflitti ta' interessi. Nimpinja ruħi li nagħgorna minnufih id-dikjarazzjoni tal-interessi tiegħi jekk tkun meħtieġa xi bidla.

2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament dwar l-azzjonijiet tiegħek u dawk tad-dipartimenti tiegħek? F'liema rigward tqis li inti responsabbli fil-konfront tal-Parlament?

X'impenji speċifiċi lest li tieħu f'termini tal-involviment u l-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm fil-kumitat kif ukoll fil-plenarja, u f'termini ta' trasparenza, kooperazzjoni u segwitu effettiv għall-pożizzjonijiet tal-Parlament u talbiet għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi pjanati jew il-proċeduri li għaddejjin, lest tipprovdi informazzjoni u dokumenti f'waqthom lill-Parlament bl-istess mod bħalma tagħmel mal-Kunsill?

Jekk niġi kkonfermat, bħala Viċi President Eżekuttiv nimpinja ruħi li nipprovdi informazzjoni komprensiva u dettaljata dwar l-azzjonijiet fi ħdan ir-responsabbiltajiet tiegħi.

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, fid-dawl tar-relazzjonijiet istituzzjonali storiċi tagħhom, jaġixxu f'koordinazzjoni mill-qrib, peress li t-tnejn huma interpreti tar-rieda tal-integrazzjoni u tal-ispirtu Ewropew. M'għandix l-intenzjoni li niddevja minn din il-viżjoni.

Għal din ir-raġuni, nemmen ukoll li huwa essenzjali li jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà lejn il-Parlament Ewropew. Wara li servejt bħala Membru tal-Parlament Ewropew għal aktar minn 10 snin u bħala Ministru għall-Affarijiet Ewropej, in-Nofsinar, il-Politiki ta' Koeżjoni, u l-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, inqis li huwa kruċjali li jiġi żgurat l-involviment adegwat tiegħu għall-funzjonament b'suċċess tal-proċess leġiżlattiv demokratiku.

Fil-fehma tiegħi, l-obbligu ta' rendikont lejn il-Parlament ma għandux ikun limitat għad-deċiżjonijiet ta' rapportar iżda jirrikjedi wkoll djalogu kostanti u produttiv, li huwa l-pedament tal-governanza tajba. Se jkun essenzjali li dawn id-djalogi jinbdeu mill-bidu nett.

Se nagħti l-istess importanza lill-Parlament u lill-Kunsill meta jaġixxu bħala koleġiżlaturi, u se niżgura li dan il-prinċipju jiġi rifless fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni rilevanti taħt il-qasam ta' responsabbiltà tiegħi. Dan mhuwiex biss obbligu legali iżda wkoll rekwiżit fundamentali għal membru tal-Kulleġġ li jkun direttament responsabbli lejn il-membri eletti tal-Parlament Ewropew.

Fil-linji gwida u fl-ittra ta' missjoni mill-President Elett von der Leyen, hija enfasizzata l-intenzjoni li tkompli tissaħħaħ ir-relazzjoni speċjali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni. Naqbel bis-sħiħ ma' din il-viżjoni u se niżgura fluss regolari ta' informazzjoni mal-kumitati parlamentari rilevanti u se nkun disponibbli għal-laqgħat bilaterali. Se nipparteċipa b'mod regolari fin-negozjati interistituzzjonali u, meta jkun mitlub, se nattendi s-sessjonijiet plenarji u d-djalogi strutturati tal-kumitati parlamentari. Barra minn hekk, se niżgura tweġibiet fil-pront u preċiżi għall-mistoqsijiet mill-membri tal-kumitat relatati mal-portafoll tiegħi.

Biex niżgura t-trasparenza, se nkun disponibbli biex norganizza djalogi strukturati mal-kumitati parlamentari rilevanti u se naderixxi bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, kif ukoll mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Regolamentazzjoni Aħjar.

Il-President Elett von der Leyen impenjat ruħha li tiżgura li l-Kummissarji jkomplu jwieġbu għar-riżoluzzjonijiet parlamentari adottati mill-maġġoranza tal-membri tagħha bi proposti leġiżlattivi b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet. Barra minn hekk, il-President Elett temmen li huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni deskritta fl-Artikolu 225 tat-TFUE, filwaqt li l-Kummissarji jiġu mħeġġa jnvolvru ruħhom fi djalogi strukturati mal-kumitati parlamentari rigward ir-riżoluzzjonijiet inkwistjoni. Nappoġġja bis-sħiħ dawn l-għanijiet, u, jekk niġi kkonfermat, se naħdem mal-Parlament f'kull stadju tad-diskussjoni dwar ir-riżoluzzjonijiet. Peress li servejt bħala Membru tal-Parlament Ewropew għal żmien twil, nemmen bis-sħiħ li dan se jkollu impatt pożittiv fuq l-eżiti tal-ħidma tagħna.

Nappoġġja bil-qawwa l-viżjoni tal-President Elett von der Leyen rigward l-importanza li nkunu aktar preżenti fil-prattika. Jekk niġi kkonfermat, se nimpenja ruħi li nżur regolarment lill-Istati Membri u lir-reġjuni tagħhom biex nivvaluta r-riżultati tal-politika ta' koeżjoni. Se jkun essenzjali li niltaqgħu maċ-ċittadini fl-Unjoni kollha, kemm fl-ibliet kif ukoll fiż-żoni rurali u inqas popolati.

Ix-xhur li ġejjin se jkunu kruċjali għall-UE biex tkompli tappoġġja riformi u investimenti dejjiema li jikkontribwixxu direttament għat-tisħiħ tat-tkabbir Ewropew. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, f'konformità mat-Trattati, se jkun essenzjali li ssir ħidma f'sinerġija mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mal-Kumitat tar-Reġjuni. Li nisimgħu x'għandhom xi jgħidu r-reġjuni u l-entitajiet lokali individwali, kull wieħed bis-sensittivitatijiet u l-ispeċifiċitajiet tiegħu, se jkun importanti wkoll biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu kkunsidrati b'mod adegwat meta titfassal politika ta' koeżjoni msaħħa u modernizzata. Inkun onorat li nservi fil-Kummissjoni Ewropea, istituzzjoni kruċjali bħala l-gwardjan tat-Trattati. F'isem l-interess komuni tal-Unjoni, se niddefendi l-valuri tagħna u dejjem nagħixxi skont il-prinċipju tal-kolleġġjalità. Se nikkollabora mill-qrib mal-membri l-oħra tal-Kulleġġ biex inwettaq il-prioritajiet identifikati mill-President von der Leyen.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

3. Il-futur tal-politika ta' koeżjoni - tagħlimiet ewlenin meħuda - simplifikazzjoni

X'inhi l-viżjoni tiegħek għall-futur tal-politika ta' koeżjoni wara l-2027 u liema huma, fil-fehma tiegħek, it-tagħlimiet ewlenin li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri kellhom jitgħallmu mill-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti f'dan ir-rigward? Taħseb li l-obbjettivi biex jingħelbu d-disparitajiet reġjonali u l-koeżjoni ekonomika u soċjali huma validi u kif se tiżgura li l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara lill-koeżjoni" jiġi rifless fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss? Se tkompli tiddefendi l-politika ta' koeżjoni bħala mekkaniżmu ta' investiment u solidarjetà għar-reġjuni kollha, u kif se tiżgura l-iżvilupp ta' reġjuni inqas żviluppati u ttipprovi rispons adegwat għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żoni urbani? Kif se ttiproteġi l-iskop ewleni tal-politika ta' koeżjoni u tiżgura pakkett baġitarju robust taħt il-proposta tal-QFP? Fl-istess ħin, kif se żżid il-flessibbiltà tagħha biex timmaniġġja l-ħtiġijiet emerġenti, ittejjeb it-trasparenza tagħha, taċċellera l-proċessi ta' implimentazzjoni u tiżgura s-simplifikazzjoni tagħha? B'mod partikolari, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni

għandhom jiġu riformati fuq mudell ibbażat fuq il-prestazzjoni simili għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)? F'dan il-kuntest, kif se tiggarrantixxi l-kontinwità tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li tippreserva l-oġġettivi inizjali tagħha, u tiżgura li l-ġestjoni u l-finanzjament futuri tal-politika jirrispettaw il-mudell ta' ġestjoni kondiviża, l-approċċ ibbażat fuq il-post, il-governanza f'diversi livelli u l-prinċipji tas-sħubija, u jippreservaw ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali? Se tesplora l-ħolqien ta' mekkaniżmu effettiv taħt il-perjodu ta' programmazzjoni finanzjarja li jmiss għal aċċess dirett għall-fondi ta' koeżjoni mill-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-bliet u l-muniċipalitajiet f'kull Stat Membru, abbażi tal-ħtiġijiet ta' żvilupp speċifiċi tagħhom?

Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali hija waħda mill-oġġettivi ewlenin tal-Unjoni u hija vitali għall-iżvilupp sħiħ u s-suċċess dejjiemi tal-Unjoni. Il-Politika ta' Koeżjoni tinkorpora l-valuri ewlenin tal-Unjoni Ewropea tal-għaqda, is-solidarjetà u l-ġustizzja għar-reġjuni kollha. It-tiżi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali jsaħħa il-produttività, l-innovazzjoni u l-kompetittività. Il-viżjoni tiegħi għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2027 hija ffukata fuq l-ixprunar tal-konverġenza, it-tnaqqis tad-disparitajiet reġjonali, u l-appoġġ lir-reġjuni kollha - b'mod partikolari dawk inqas żviluppatti - biex tiġi żgurata koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali sostnuta. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss huwa opportunità biex tiffassal politika ta' koeżjoni u ta' tkabbir imsaħħa u modernizzata, fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-politika ta' koeżjoni fil-QFP li jmiss trid tkun allinjata mal-prijoritajiet usa' tal-UE. Trid issir ukoll aktar iffukata, aktar sempliċi u tħalli aktar impatt. Se nindirizzaw id-disparitajiet reġjonali u soċjali billi nipprovdur soluzzjonijiet imfassla apposta għall-isfidi reġjonali u lokali u nappoġġaw lir-reġjuni, inklużi l-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi, biex ilaħħqu mal-bqija. Bħala parti minn dan il-proċess, se jkollna bżonn nimmobilizzaw ir-riformi u l-investimenti biex nġinu fil-bini ta' dak li komunità teħtieġ biex tirnexxi.

Il-Politika ta' Koeżjoni hija ankrata fil-prinċipji ewlenin tagħha: l-approċċ ibbażat fuq il-post, il-governanza f'diversi livelli, u s-sħubija. Hekk kif niżviluppaw il-QFP wara l-2027, se niżgura li dawn il-prinċipji fundaturi jiġu ppreservati. L-awtoritajiet reġjonali u lokali jeħtieġ li jkunu fil-qalba tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet biex tiġi żgurata l-aktar sjieda wiesgħa possibbli. Il-Politika ta' Koeżjoni trid tkun kapaċi tadatta għall-isfidi emerġenti bħat-tibdil fil-klima, it-trasformazzjoni diġitali, il-bidliet demografiki u ssaħħa l-inklużjoni soċjali. Dawn ir-realtajiet li qed jevolvu jitolbu li nibqgħu flessibbli u li nħarsu 'l quddiem filwaqt li nibqgħu leali lejn il-Politika ta' Koeżjoni bħala pedament tal-għaqda u s-saħħa tal-Unjoni.

Filwaqt li l-progress huwa inkontestabbli, id-disparitajiet reġjonali għadhom jippersistu u qed jinħolqu oħrajn ġodda, b'xi reġjuni li jistaġnaw minħabba sfidi b'mod partikolari fl-użu effettiv tar-riżorsi. L-investimenti waħedhom mhumiex biżżejjed. L-investimenti u r-riformi tal-Politika ta' Koeżjoni għandhom jimxu id f'id biex jindirizzaw l-isfidi li ilhom jeżistu, jaċċelleraw il-konverġenza 'l fuq tat-territorji tagħna u t-twettiq tal-investimenti fil-prattika. It-tkabbir reġjonali sostnut jeħtieġ approċċ aktar ibbilanċjat, li jinkludi l-qafas regolatorju t-tajjeb, il-bini tal-kapaċità u l-ippjanar strateġiku. It-tiżi tal-kapaċitajiet amministrattivi nazzjonali u reġjonali u t-titjib tal-governanza huma daqstant ieħor vitali għall-ġestjoni effiċjenti tal-fondi, għall-implimentazzjoni tar-riformi u għall-kisba ta' riżultati tanġibbli.

Hemm bżonn ta' aktar simplifikazzjoni, tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u li l-benefiċjarji - b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-komunitajiet lokali - ikunu jistgħu jaċċessaw il-fondi b'mod aktar effiċjenti. Is-simplifikazzjoni tal-proċessi, it-tnaqqis tal-"burokrazija", u t-tiżi tat-trasparenza permezz ta' verifiki ta' ġestjoni bbażati fuq ir-riskju u regoli ta' eliġibbiltà allinjati aktar se jiffaċilitaw l-aċċess b'mod sinifikanti. L-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali aktar kmieni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet se jiżgura użu aktar effettiv tal-fondi, allinjament aħjar mal-ħtiġijiet reġjonali, u għoti ta' setgħa akbar lill-atturi lokali fit-tfassil tal-iżvilupp tagħhom. Il-prestazzjoni hija oġġettiv kritiku ieħor. Kull Euro mill-baġit tal-UE għandu jagħmel differenza. Jeħtieġ ukoll li nikkomunikaw aħjar maċ-ċittadini kollha tal-UE dwar x'jiffinanzja l-baġit tal-UE. B'ħarsitna 'l quddiem, għandna wkoll nisiltu tagħlimiet mill-esperjenza b'mudelli ta' żborż simplifikati peress li ġabu xi tnaqqis fil-piż amministrattiv mingħajr ma kkompromettew is-sorveljanza finanzjarja. Dawn il-bidliet se jkunu kruċjali biex il-Politika ta' Koeżjoni ssir aktar aġli u reattiva.

Meta nirriflettu dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni, irridu nqisu l-għażliet differenti, nivvalutaw il-merti ta' kull waħda minnhom u nqisu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Jeħtieġ li jkollna trasparenza dwar ir-riċevituri finali tal-fondi tal-UE biex nippermettu t-traċċabbiltà u l-akkontabbiltà u se jkollna bżonn insibu modi kif nillimitaw il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' implimentazzjoni. Jeħtieġ ukoll li nivvalutaw l-aħjar modi biex nagħmlu l-politika ta' koeżjoni aktar flessibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi emerġenti.

It-trawwim tal-koeżjoni huwa responsabbiltà kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha. Se naħdem mill-qrib mal-Kummissarji sħabi biex niżgura li l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tibqa' ċentrali għall-QFP li jmiss.

Il-Politika ta' Koeżjoni se tkompli tappoġġa r-reġjuni kollha, b'attenzjoni partikolari lil dawk inqas żviluppati. F'dawn ir-reġjuni, il-prijorità tagħna se tkun investimenti li jtejjbu l-aċċess għall-impjegi, is-servizzi u l-infrastruttura, filwaqt li niżguraw li r-reġjuni li għadhom lura fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jirċievu l-appoġġ meħtieġ.

Iż-żoni urbani jiffaċċjaw sfidi distinti - li jvarjaw mill-akkomodazzjoni affordabbli sal-konġestjoni u s-sostenibbiltà ambjentali. Jekk niġi kkonfermat, se nipproponi Aġenda ta' Politika komprensiva għall-Bliet li tipprovdi viżjoni ċara għall-iżvilupp urban, tiddefinixxi l-approċċ tal-UE għat-tkabbir urban sostenibbli, u s-sarraf il-prijoritajiet tal-UE f'azzjonijiet lokali tanġibbli. Sabiex jiġi żgurat li l-ebda belt ma titħalla jibqa' lura, il-bliet u l-irħula jrid ikollhom sjieda u parteċipazzjoni attiva kemm fit-tfassil kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-politika. Jekk niġi kkonfermat, ninsab impenjat li naħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew biex niżgura li l-bliet u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom aċċess aktar effiċjenti għall-finanzjament.

4. Rabta mar-riformi, l-istat tad-dritt, is-Semestru Ewropew, il-kundizzjonalità

Id-Disa' Rapport dwar il-Koeżjoni jenfasisza l-ħtieġa li jiġu esplorati modi biex tissaħħaħ aktar ir-rabta bejn l-investimenti u r-riformi biex jiġi massimizzat l-impatt tal-politika ta' koeżjoni. Madankollu, hemm tħassib li l-objettivi tal-politika ta' koeżjoni, kif deskritti fl-Artikoli 174 u 175 tat-TFUE, jistgħu jiġu kompromessi mill-introduzzjoni potenzjali ta' kundizzjonalitajiet. Konsegwentement, tappoġġja l-introduzzjoni ta' rabta aktar b'saħħitha bejn il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni u r-riformi nazzjonali ewlenin? Jekk iva, x'tipi ta' riformi għandhom ikunu marbuta mal-aċċess għall-fondi? Qed tikkunsidra li torbot l-aċċess għall-fondi mas-Semestru Ewropew jew mal-kundizzjonalità makroekonomika b'mod partikolari? Se tiżgura li l-Istati Membri jew ir-reġjuni b'kapaċità amministrattiva limitata ma jiġux ippenalizzati b'mod sproporzjonat? Beħsiebek issaħħaħ ir-rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-konformità mal-istat tad-dritt, billi tinforza applikazzjoni aktar stretta tal-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE? Fl-aħħar nett, kif se tiżgura li n-nuqqas ta' rieda tal-gvernijiet nazzjonali li jwettqu ċerti riformi ma jfjixkilx l-aċċess tar-reġjuni għall-fondi?

Id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni tal-Kummissjoni jenfasisza l-importanza li tkompli tissaħħaħ ir-rabta bejn l-investimenti u r-riformi biex jiġi massimizzat l-impatt tal-Politika ta' Koeżjoni. Ir-rabta bejn il-konverġenza u r-riformi strutturali se tkompli tkun kruċjali, kif qed naraw matul il-perjodu 2021-2027, fejn l-Unjoni diġà tejjbet din ir-rabta b'mod partikolari permezz ta' allinjament mill-qrib mas-Semestru Ewropew. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa f'dawn l-aħħar snin iservu bħala boxxla biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' riforma u investment tal-Istati Membri u se jkomplu jiggwidaw ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu. Biex nallinjaw ir-riformi mal-investment u nipromwovu b'mod effettiv it-tkabbir u l-iżvilupp reġjonali, integrajna wkoll id-dimensjonijiet reġjonali u territorjali fi programmi bħall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Ir-rabta bejn is-Semestru Ewropew u l-iżborżi tal-fondi tal-UE wriet il-merti tagħha taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dan ippermetta lill-UE tipprovdi appoġġ dirett lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jimplementaw riformi u investimenti dejjiema li jindirizzaw l-isfidi nazzjonali u jikkontribwixxu direttament għat-tiħiħ tat-tkabbir sostenibbli Ewropew u tal-istat tad-dritt. L-appoġġ ikkombinat għar-riformi u l-investimenti taħt pjan wieħed wera li huwa effettiv u saħħaħ il-koerenza u l-effiċjenza u żied is-sinerġji.

Barra minn hekk, taħt il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-kundizzjonijiet abilitanti ġew issimplifikati għall-perjodu 2021-2027 biex jiġi żgurat li l-oqfsa meħtieġa jkunu fis-seħħ għall-implimentazzjoni effettiva tal-Fondi. Pereżempju, il-kundizzjoni abilitanti dwar il-governanza tas-settur tal-enerġija skattat adattamenti u l-istabbiliment ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Bl-istess mod, l-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, meħtieġa skont il-kundizzjoni abilitanti relatata mal-objettiv speċifiku ta' "l-iżvilupp u t-titjib tal-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati" u "l-iżvilupp ta' ħiliet għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, it-tranżizzjoni industrijali u l-intraprenditorija", ittrasformaw il-mod kif l-innovazzjoni hija ffinanzjata fil-livell reġjonali.

Fl-implimentazzjoni tal-baġit, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jridu jiżguraw konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jridu jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE rilevanti fl-implimentazzjoni tal-baġit. L-operazzjonijiet kollha ffinanzjati skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni jridu jikkonformaw mal-liġi applikabbli, li tinkludi l-aderenza mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-kundizzjoni abilitanti orizzontali dwar il-Karta pprovdi inċentivi b'saħħithom għal bidla strutturali, b'mod partikolari fil-qasam tar-riforma ġudizzjarja. Dan sar flimkien mal-istadji importanti għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-rapporti annwali dwar l-Istat tad-Dritt, li identifikaw elementi ewlenin għar-riforma biex tiġi żgurata

protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-istat tad-dritt japplika għall-fondi kollha tal-UE, inkluża l-Politika ta' Koeżjoni. Jien impenjat bis-siġħ lejn dawn il-prinċipji.

Fil-linji gwida politiċi tagħha, il-President elett von der Leyen enfasizzat li l-baġit fit-tul futur se jinvesti fid-difiża tal-istat tad-dritt u se jkollu salvagwardji biex ikompli jiżgura r-rispett għall-istat tad-dritt. L-ewwel nett, dawn jibnu fuq l-applikazzjoni kontinwa tar-reġim ġenerali tal-kundizzjonalità li japplika għall-fondi kollha. It-tieni, se jkollna bżonn nisiltu tagħlimiet mill-esperjenza miġbura bl-implimentazzjoni tal-baġit attwali u n-NextGenerationEU inkluża rabta aktar mill-qrib bejn ir-riformi u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt. L-applikazzjoni tal-istrumenti differenti wriet li hemm potenzjal li r-regoli jiġu armonizzati biex ikunu saħansitra aktar effettivi.

Il-Politika ta' Koeżjoni hija ddisinnjata bil-flessibilità biex tfassal l-appoġġ għall-investiment għall-ħtiġijiet reġjonali u lokali. Jekk niġi kkonfermat, bħala Viċi President Eżekuttiv għall-koeżjoni u r-riformi, se niżgura li r-riformi jkunu allinjati bir-reqqa mar-realtajiet reġjonali u li l-Politika ta' Koeżjoni tibqa' l-ixprun għat-tkabbir u l-konverġenza fir-reġjuni kollha, issaħħaħ il-produttività, il-kompetittività u l-innovazzjoni, mingħajr ma tħalli l-ebda reġjun jibqa' lura. Għal dak l-għan, se nżomm djalogu mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali kollha biex nidentifika kwalunkwe impediment fl-aċċess għall-fondi tal-UE u se nagħti attenzjoni speċifika biex niżgura li dawn l-awtoritajiet ikunu fil-qalba kemm tat-tfassil kif ukoll tal-implimentazzjoni.

L-iżgurar ta' kapacià amministrattiva adegwata fl-Istati Membri u fl-awtoritajiet reġjonali u lokali huwa essenzjali għall-implimentazzjoni u l-assorbiment tal-fondi tal-UE. Jiena konxju mid-dgħufijiet fil-kapacià amministrattiva f'ċerti Stati Membri u reġjuni. Jekk niġi kkonfermat, l-intenzjoni tiegħi hija li nkompli nappoġġa l-bini tal-kapacià tal-Istati Membri kemm: (a) fit-tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika u l-governanza kif ukoll (b) fit-tisħiħ tal-kapacià li jitwettqu (jiġifieri t-tfassil u l-implimentazzjoni) ir-riformi, anke permezz ta' diġitalizzazzjoni msaħħa.

5. Ir-reġjuni tal-Lvant, it-tkabbir, l-ECBM

Fil-kuntest tal-gwerra li għaddeja tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE, speċjalment dawk ir-reġjuni tal-Lvant u tat-Tramuntana mal-fruntieri esterni tagħha mar-Russja, il-Belarusja u l-Ukrajna, jiffaċċjaw l-isfida doppja li jsaħħu s-sigurtà filwaqt li jagħtu haġja ġdida lill-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom. Qed tippjana xi inizjattivi jew miżuri speċjali ta' appoġġ li jgħinu lil dawn ir-reġjuni tal-fruntiera jindirizzaw it-tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku tagħhom? X'tipi ta' assistenza u inizjattivi ta' politika se tipprijorizza? Minbarra l-pressjoni fuq il-baġit tal-politika ta' koeżjoni minn dawk ir-reġjuni tal-Lvant u tat-Tramuntana, it-tkabbir ippjanat fir-rigward tal-Ukrajna, il-Moldova, il-Balkani tal-Punent u possibbilment il-Georgia se jkompli jaffettwa l-baġit tal-politika ta' koeżjoni. Kif se tiżgura li l-baġit tal-politika ta' koeżjoni jkun biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet li qed jikbru? Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jinnota li l-ostakli transfruntiera amministrattivi u legali persistenti jaggravaw it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku mhux biss fir-reġjuni affettwati mill-gwerra Russa, iżda wkoll fir-reġjuni kollha tal-UE. Dawn l-ostakli jifframentaw is-Suq Uniku, u jirriżultaw fit-telf ta' biljuni ta' euro u miljuni ta' impjiegi fil-livell tal-UE. F'dan il-kuntest urġenti – minn naħa waħda, l-indirizzar tal-ħtiġijiet tar-reġjuni tal-fruntieri milquta mill-gwerra, u min-naħa l-oħra, it-tħejjija għat-tkabbir – se tipprijorizza l-konklużjoni ta' negozjati interistituzzjonali dwar ir-Regolament li ilu wieqaf dwar Mekkaniżmu biex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier?

Ir-reġjuni tal-fruntiera tal-UE, b'mod partikolari dawk tul il-fruntieri esterni tagħha mar-Russja u l-Belarusja, jiffaċċjaw l-isfida doppja li jsaħħu s-sigurtà filwaqt li jagħtu haġja ġdida lill-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom. Is-sigurtà u l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn ir-reġjuni ntaqtu b'mod sever bħala konsegwenza diretta tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Biex jittaffa dan l-impatt fuq ir-reġjuni tal-fruntiera, ġew introdotti diversi inizjattivi. L-ewwel nett, ir-riżorsi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), inizjalment allokat għall-programmi Interreg mar-Russja u l-Belarusja, ġew riallokati għal programmi ta' Kooperazzjoni Transfruntiera interna, li jammontaw għal EUR 150 miljun. Dan jiżgura li r-reġjuni kollha tal-UE ġirien tar-Russja u l-Belarusja jkunu jistgħu jipparteċipaw f'mill-inqas programm Interreg intern wieħed. It-tieni, il-Kummissjoni saħħet l-impenji tagħha għall-programm Interreg billi nediet sejħiet immirati, stabbiliet punti ta' informazzjoni, u pprovdiet appoġġ addizzjonali għar-reġjuni li jmissu mar-Russja. Pereżempju, f'kollaborazzjoni mal-Bank Dinji, l-Inizjattiva tar-Reġjun li Qed Jipprova Jlaħħaq (CuRI) tappoġġa lill-Istati Baltiċi fl-iżvilupp tar-reżiljenza reġjonali.

Ir-reġjuni li jmissu mal-Ukrajna, b'kuntrast, mhux biss komplew iżda intensifikaw il-kooperazzjoni transfruntiera tagħhom mal-Ukrajna matul l-aħħar tliet snin. Il-Kummissjoni rridirezzjonat EUR 135 miljun addizzjonali, inizjalment ippjanati għal programmi ta' kooperazzjoni mar-Russja u l-Belarusja, lejn programmi transfruntiera mal-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova. Dan il-finanzjament jappoġġa setturi ewlenin bħall-ambjent, is-saħħa,

l-educazzjoni, u l-ġestjoni tal-fruntieri. Il-programmi transfruntieri mal-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija u r-Rumanija jikkontribwixxu kważi EUR 400 miljun f'finanzjament tal-UE, inklużi EUR 67 miljun għall-Inizjattiva tal-UE dwar il-Korsiji ta' Solidarjetà. Biż-żamma u l-espanzjoni ta' dawn il-programmi transfruntieri, għandna l-għan li nrawmu kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn ir-reġjuni tal-UE u l-Ukrajna, ngħinu fil-ġestjoni ta' dawn l-isfidi filwaqt li nappoġġaw kemm l-irkupru ekonomiku lokali kif ukoll dak tal-Ukrajna.

Jekk niġi kkonfermat, se naħdem biex inkompli nipprovdi appoġġ lir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant l-aktar affettwati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, b'mod partikolari fl-isforzi tagħhom biex jorjentaw mill-ġdid l-ekonomija lokali tagħhom. L-Inizjattiva tar-Reġjuni li Qed Jippruvaw Ilaħħqu tista' pereżempju tipprovdi ideat interessanti dwar il-bini ta' ċentri ta' innovazzjoni ġodda, jew tuża l-potenzjal tar-reġjuni biex tappoġġa l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-iżvilupp ta' ekosistemi ta' manifattura ġodda, eċċ. Għar-reġjuni li jmissu mal-Ukrajna u l-Moldova, l-isforzi jistgħu jiffukaw fuq l-intensifikazzjoni tal-interkonnnessjoni fil-livelli kollha (l-infrastruttura għat-trasport u l-flussi diġitali, clusters tal-innovazzjoni, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi) u fuq it-tnejja għall-adeżjoni. Se naħdem ukoll mal-Kummissarju għat-Tkabbir biex niżgura monitoraġġ mill-qrib tal-progress li sar mill-pajjiżi kandidati f'termini tal-konverġenza ekonomika tagħhom mal-UE, l-integrazzjoni gradwali tagħhom fis-Suq Uniku, u l-implimentazzjoni tagħhom tar-riformi ewlenin meħtieġa biex jassorbu l-fondi tal-UE - li kollha se jkunu kruċjali biex jippermettu integrazzjoni bla xkiel fl-UE.

L-indirizzar tal-ostakli transfruntieri amministrattivi u legali persistenti li qed jiffaċċjaw dawn ir-reġjuni huwa wkoll prijorità għalija. Nappoġġa bis-sħiħ il-konklużjoni tan-negozjati interistituzzjonali dwar ir-Regolament li ilu stabbilit dwar l-Iffaċilitar ta' Soluzzjonijiet Transfruntieri. Nirrikonoxxi kemm dan huwa importanti għaċ-ċittadini li jgħixu u jaħdmu fiż-żoni tal-fruntiera. Għalhekk, beħsiebni naħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex nindirizza t-tħassib tagħhom u nserraħ fuq l-appoġġ kontinwu mill-Parlament sabiex in-negozjati jkunu jistgħu jibdew malajr. Dan se jkun pass kritiku lejn it-tneħħija tal-ostakli li jfixklu l-iżvilupp ekonomiku u l-kooperazzjoni fir-reġjuni tal-fruntiera.

Rigward l-impatt tat-tkabbir fuq il-politika ta' koeżjoni tal-UE, l-oġettivi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jibqgħu validi f'Unjoni usa', kemm fl-Istati Membri attwali kif ukoll futuri. Fil-passat, il-politika ta' koeżjoni wriet li rnexxielha tikkontribwixxi u tamplifika l-benefiċċji tas-Suq Uniku, tnaqqas id-disparitajiet territorjali u tixpruna l-konverġenza soċjoekonomika 'l fuq bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Biex inħejju għal Unjoni usa', hemm bżonn ta' riflessjoni komprensiva dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni. Iżda din mhijiex l-ewwel darba li l-UE qed tiffaċċja t-tkabbir u nistgħu nisiltu tagħlimiet mill-passat biex niżguraw li l-politika tal-UE tkompli tagħti r-riżultati. Dan se jkun is-suġġett tar-rieżamijiet tal-politika ta' qabel it-tkabbir li l-Kummissjoni se twettaq kmieni fl-2025.

6. Il-gżejjer, id-depopolazzjoni, id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju, ir-reġjuni ultraperiferiċi (l-Artikolu 349 tat-TFUE), l-akkomodazzjoni, it-territorji b'partikolaritajiet ġeografiċi u naturali (l-Artikolu 174 tat-TFUE)

F'konformità mal-Artikolu 174 tat-TFUE, l-Unjoni tagħti attenzjoni speċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi tar-reġjuni żvantaġġati, b'mod partikolari dawk li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti. Fl-ispiritu tad-“dritt li wieħed jibqa' fit-territorju” effettiv, x'miżuri konkreti se tieħu biex tindirizza d-depopolazzjoni, speċjalment f'żoni rurali u bliet żgħar, filwaqt li tiżgura aċċess ugwali għal servizzi pubbliċi essenzzjali? Kif se ttejjeb il-konnettività reġjonali u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni biex tippermetti lin-nies li jgħixu fil-gżejjer, fir-reġjuni ultraperiferiċi, fir-reġjuni periferiċi u transfruntiera jibqgħu f'dawn iż-żoni? X'miżuri speċifiċi se tippromwovi biex tnaqqas il-burokrazija u ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-UE u s-suq intern għall-SMEs ta' dawn ir-reġjuni? Temmen li wasal iż-żmien li l-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea għall-gżejjer (il-Patt tal-Gżejjer) u programm tat-trasport POSEI (programm ta' għażliet speċifikament relatati mal-periferiċità u l-insularità)?

Ninsab konvint li għandhom jiġu kkunsidrati l-isfidi ekonomiċi u soċjali speċifiċi tal-gżejjer bħall-akkomodazzjoni, it-trasport, l-educazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-ilma u l-ġestjoni tal-iskart u tar-reġjuni ultraperiferiċi. Dawn ir-reġjuni jiffaċċjaw kwistjonijiet differenti ta' żvilupp li jagħmluha diffiċli li jiġu indirizzati bħala grupp wieħed. Il-Politika ta' Koeżjoni dejjem tat attenzjoni speċjali lill-gżejjer u lir-reġjuni ultraperiferiċi, f'konformità mat-Trattat u, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nkompli nsaħħaħ din il-ħidma.

Il-gżejjer huma diversi ħafna u jiffaċċjaw varjetà ta' sfidi differenti, inklużi livelli differenti ta' tkabbir ekonomiku u xejriet demografiċi, b'xi gżejjer li jesperjenzaw tkabbir fil-popolazzjoni, filwaqt li oħrajn jiffaċċjaw tnaqqis. Dawn il-ħtiġijiet distinti jeħtieġu approċċi mfassla apposta. Dan huwa preċiżament dak li se tagħmel il-Politika ta' Koeżjoni: l-inkoraġġiment ta' programmi nazzjonali u reġjonali biex jindirizzaw dawn l-isfidi. Se nkompli

nappoġġa lill-gżejjer b'finanzjament, bl-aħjar prattika u bi strateġiji territorjali speċifiċi. Barra minn hekk, se naħdem mal-Kummissarji sħabi biex niżgura li l-ispeċifiċitajiet tal-gżejjer jitqiesu fil-politiki rilevanti kollha tal-UE. Id-9 Rapport dwar il-Koeżjoni tal-Kummissjoni jenfasizza r-riskji sinifikanti li d-depopolazzjoni u t-tixjiħ tal-popolazzjoni joħolqu għaż-żoni rurali, il-bliet żgħar u reġjuni żvantaġġati oħra. Nemmen li għandna niffukaw fuq miżuri konkreti biex nindirizzaw dawn l-isfidi filwaqt li niżguraw li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibqgħu fil-komunitajiet lokali tagħhom. L-ewwel nett, it-titjib tas-servizzi pubbliċi u l-kwalità tal-ħajja - id-“dritt li wieħed jibqa’ fit-territorju” jiddependi fuq l-aċċess għal servizzi essenzjali bħall-kura tas-saħħa, l-educazzjoni, l-akkomodazzjoni, u t-trasport pubbliku. Se nappoġġa investimenti kontinwi f’dawn l-oqsma biex ngħinu fil-prevenzjoni tad-depopolazzjoni u nattiraw residenti ġodda, inklużi familji u professjonisti żgħażgħ. It-tieni, l-indirizzar tad-distakk diġitali huwa essenzjali. It-tiġh tal-litteriżmu diġitali u l-għoti ta’ servizzi online affidabbli, inkluż l-internet b’veloċità għolja u n-networks 5G, se jagħtu spinta lill-kompetittività ta’ dawn ir-reġjuni. Dan se jnaqqas l-emigrazzjoni u jippermetti x-xogħol mill-bogħod u l-educazzjoni online, joffri opportunitajiet ġodda u għalhekk ihegġegħ lill-professjonisti u lill-familji żgħażgħ biex jibqgħu jew jirritornaw f’dawn iż-żoni. It-tielet, l-appoġġ lill-ekonomiji lokali u t-trawwim tal-innovazzjoni huma kruċjali għall-ħolqien tal-impjiegi u ż-żamma tat-talent żagħżuġ. Il-promozzjoni tal-intraprenditorija fiż-żoni rurali se tkun kruċjali, filwaqt li tkompli tappoġġa lill-SMEs, l-agrikoltura sostenibbli, u l-ekonomija ċirkolari. Il-bini ta’ ekosistemi tal-innovazzjoni f’dawn ir-reġjuni jista’ jrawwem ir-reżiljenza ekonomika u t-tkabbir fit-tul. Ir-raba’, il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli hija prijorità ewlenija għall-Politika ta’ Koeżjoni, b’mod partikolari fir-reġjuni rurali u tal-fruntiera, b’enfasi fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-investimenti fl-enerġija rinnovabbli, it-trasport sostenibbli, u l-protezzjoni ambjentali se jtejbju l-kundizzjonijiet tal-għajxien u joħolqu impjiegi ekoloġiċi ġodda.

Huwa essenzjali li l-appoġġ jiġi adattat għall-ħtiġijiet reġjonali. Se niżgura li l-Politika ta’ Koeżjoni tibqa’ flessibbli u bbażata fuq il-post, adattata għal sfidi speċifiċi. Permezz ta’ sħubijiet mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, nistgħu nfasslu l-investimenti u r-riformi biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet uniċi ta’ dawn ir-reġjuni, filwaqt li niżguraw li l-ebda reġjun ma jitħalla jibqa’ lura. Fir-rigward tal-konnettività u l-akkomodazzjoni reġjonali, se nagħti prijorità lit-titjib tat-trasport u tal-infrastruttura diġitali biex niżgura li n-nies fil-gżejjer, fir-reġjuni ultraperiferiċi, u fir-reġjuni periferiċi u transfruntieri jkunu jistgħu jibqgħu konnessi ma’ ċentri Ewropej usa’. Il-konnettività tat-trasport hija kruċjali għall-aċċess għall-impjiegi, għas-servizzi essenzjali, għall-educazzjoni u għall-kura tas-saħħa kif ukoll għall-moviment tal-merkanzija. Se naħdem mal-Kummissarju responsabbli għat-Trasport biex intejbu l-ferroviji, u l-konnessjonijiet tat-trasport pubbliku bejn dawn ir-reġjuni u ċ-ċentri Ewropej ewlenin, b’investimenti fil-mobbiltà sostenibbli u t-trasport multimodali.

Il-konnettività diġitali hija daqstant ieħor importanti. Se nappoġġa investimenti f’internet b’veloċità għolja u networks 5G f’reġjuni rurali, periferiċi u transfruntieri biex niffaċilita x-xogħol mill-bogħod, l-educazzjoni online, u t-twassil diġitali ta’ servizzi u biex dawn iż-żoni jsiru postijiet aktar attraenti fejn wieħed jinvesti u jgħix. L-indirizzar tal-isfidi tal-mobbiltà f’reġjuni remoti u insulari huwa kruċjali wkoll.

Se jkun essenzjali li jiġu integrati servizzi essenzjali bħall-kura tas-saħħa, l-educazzjoni u l-kura tat-tfal fl-investimenti tal-Politika ta’ Koeżjoni biex tiġi evitata d-depopolazzjoni u biex dawn ir-reġjuni jsiru aktar attraenti għar-residenti. Dan se jinkiseb billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera, jiġu permessi servizzi kondiviżi, u jiġu promossi soluzzjonijiet intelliġenti bħat-telemediċina u t-tagħlim elettroniku. Dawn se jikkomplementaw l-inizjattiva “Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE” iffinanzjata mill-UE, li tgħin lill-gżejjer jiġġeneraw l-enerġija sostenibbli u bi prezz baxx tagħhom stess, u b’hekk jikkontribwixxu għall-aċċess għal enerġija affordabbli u sostenibbli għall-komunitajiet tal-gżejjer.

L-iżgurar ta’ dritt effettiv li wieħed jibqa’ fit-territorju se jirrikjedi wkoll aċċess għal impjiegi ta’ kwalità, speċjalment għal dawk li ilhom wisq barra mis-suq tax-xogħol u li qed ifittxu opportunitajiet ġodda. Il-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta’ Kwalità li għandu jiġi żviluppat flimkien mas-sħab soċjali huwa inizjattiva konkreta waħda f’dan ir-rigward. Dwar dan se nappoġġa lill-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza. Fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi u b’mod partikolari għas-servizzi essenzjali, l-Istrateġija futura tal-UE Kontra l-Faqar se jkollha rwol strateġiku, inkluż fl-indirizzar tal-aspetti territorjali tal-faqar.

Il-Politika ta’ Koeżjoni se tkompli tikkontribwixxi għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli. Se naħdem biex nintroduċi flessibbiltajiet fil-leġiżlazzjoni, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirdupjaw l-investment ta’ koeżjoni tagħhom f’akkomodazzjoni affordabbli. L-investimenti se jinkludu r-rinnovazzjoni tal-istokk ta’ akkomodazzjoni eżistenti, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika, u l-appoġġ għal żviluppi ġodda mfassla apposta għall-ħtiġijiet reġjonali. Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tista’ tipprovdi qafas siewi għal din il-ħidma. Se nipprovdu wkoll assistenza teknika u bini tal-kapaċità lill-bliet u lill-partijiet ikkonċernati, filwaqt li niżguraw l-integrazzjoni ta’ proġetti ta’ akkomodazzjoni ma’ infrastruttura urbana usa’. B’mod parallel, il-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva se tmexxi r-reviżjoni tar-regoli dwar l-għajxien mill-Istat biex ikunu jistgħu jittieħdu

miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni, speċjalment għall-akkomodazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija u soċjali affordabbli.

Ninsab impenjat li nippromwovi appoġġ imfassal apposta bbażat fuq il-post, filwaqt li niżgura li l-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni jkunu riflessi fil-politika ta' koeżjoni futura. Dan jinkludi s-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' applikazzjoni u rapportar biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq l-SMEs, titnaqqas il-burokrazija u jsir aktar faċli għan-negozji lokali biex jaċċessaw il-finanzjament tal-UE u jipparteċipaw fis-Suq Uniku. L-involvement bikri mal-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa essenzjali biex il-finanzjament tal-UE jiġi allinjat mar-realtajiet lokali. Inizjattivi bħan-Network Enterprise Europe (EEN) u l-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti jipprovdu appoġġ kruċjali lill-SMEs billi jgħinuhom jinnavigaw regolamenti kumplessi, jiżguraw il-finanzjament tal-UE, u jikkolegaw mas-sħab kummerċjali. L-EEN għandu rwol ewlieni fir-reġjuni remoti, billi joffri gwida mfassla apposta dwar programmi bħal Orizzont Ewropa u InvestEU. Jiffaċilita wkoll sħubijiet transfruntieri, li jippermettu lill-SMEs jisfruttaw minn swieq ġodda u jespandu l-operazzjonijiet tagħhom b'mod aktar effettiv.

Se nippromwovi wkoll djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati biex niżgura li l-mekkaniżmi ta' finanzjament jirrispondu għall-ħtiġijiet tagħhom li qed jevolvu u li kwalunkwe ostaklu jiġi indirizzat malajr. Dan l-impenn kontinwu se jiżgura li l-gżejjer u r-reġjuni periferiċi, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, ma jifhallewx jibqgħu lura fl-isforzi għall-iżvilupp tal-UE.

Il-Politika ta' Koeżjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri u lir-reġjuni kollha biex jappoġġaw il-gżejjer tagħhom. Barra minn hekk, iż-żoni rurali fil-gżejjer huma koperti fil-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali u l-Pjan ta' Azzjoni Rurali tagħha, kif ukoll fil-Patt Rurali. Rigward il-programm tat-trasport POSEI propost, il-prijorità tiegħi se tkun li nimmassimizza l-użu tal-għodod eżistenti u nidentifika l-lakuni qabel ma nqis soluzzjonijiet ġodda.

7. Diżastri naturali, emerġenzi

L-Ewropa qed tesperjenza żieda fl-għadd u fis-severità tad-diżastri relatati mat-temp, bħal temperaturi estremi, maltempati, għargħar intern u kostali, nixfiet u nirien fil-foresti. Kif beħsiebek tindirizza kemm l-impatti immedjati kif ukoll dawk fit-tul ta' diżastri bħal dawn b'mod aktar effettiv? B'mod partikolari, kif ittejjeb l-allokazzjoni tal-baġit, l-eliġibbiltà u l-ġestjoni tal-Fond ta' Solidarjetà attwali tal-UE? X'miżuri speċifiċi oħra, anke f'termini ta' prevenzjoni, tissuġġerixxi biex jiġu indirizzati d-diżastri naturali fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi ppreservat l-iskop ewlieni tal-politika ta' koeżjoni? Fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilma, f'termini kemm ta' għargħar kif ukoll ta' nixfiet, x'azzjonijiet tipproponi biex ittaffi l-impatt tagħhom fuq ir-reġjuni l-aktar vulnerabbli? Barra minn hekk, tipproponi li jiġu aġġornati l-istrateġiji tal-UE biex titnaqqas il-vulnerabbiltà tar-reġjuni kostali u muntanjużi għat-tibdil fil-klima?

Il-President elett von der Leyen, fil-linji gwida politiċi tagħha, enfasizzat ir-riskji kbar għas-sikurezza tagħna li jirriżultaw mill-impatt tat-tibdil fil-klima. It-temp estrem qed jeqred dejjem aktar żoni tal-Ewropa b'għargħar, nirien u nixfiet matul is-sena kollha, u fl-Unjoni kollha. Hija impenjat ruħha għal Pjan Ewropew ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima b'miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni tad-diżastri naturali. Jekk niġi kkonfermat, bħala Viċi President Eżekuttiv se nikkontribwixxi għal dan il-Pjan. L-indirizzar tad-diżastri naturali jeħtieġ azzjoni immedjata u enfasi qawwija fuq miżuri preventivi nazzjonali, lokali u reġjonali. Se tkompli tingħata priyorità lil soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (ir-riforestazzjoni, l-artijiet mistagħdra u infrastruttura ekoloġika oħra). Sabiex intaffu r-riskji b'mod effettiv, iridu jiġu stabbiliti strateġiji proattivi fil-livelli kollha ta' governanza, appoġġati minn investimenti u riformi mmirati.

Il-Politika ta' Koeżjoni hija l-akbar sors ta' finanzjament tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, li tiffoka fuq miżuri ta' prevenzjoni u preparatezza fir-reġjuni fl-UE kollha, b'EUR 14-il biljun ipprovduti għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri (tnaqqis tar-riskju ta' għargħar u ta' nirien; approċċi bbażati fuq l-ekosistema; riskji naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem mhux relatati mal-klima) matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021 – 2027. Il-Kummissjoni reċentement ipproponiet li żżid il-flessibbiltà tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni biex tipprovdi malajr appoġġ addizzjonali u effettiv f'każ ta' diżastri naturali.

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (FSUE) huwa appoġġ ta' wara diżastru li jintervjeni biss f'każ ta' diżastri serji u huwa kontribuzzjoni Ewropea tanġibbli għall-isforzi ta' emerġenza u ta' rkupru. Il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE huwa maħsub biex jikkomplementa l-isforzi nazzjonali, mhux biex jissostitwihom. Għalhekk, it-tisħiħ tal-iskemi nazzjonali ta' finanzjament tar-riskju ta' diżastri u l-bini tal-kapaċità fil-livell nazzjonali huma passi essenzjali. L-Istati Membri jridu jkunu mgħammra biex jittrattaw diżastri fuq skala iżgħar, bl-assigurazzjoni li l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE jkun disponibbli meta l-iskala tad-diżastru taqbeż il-kapaċitajiet tagħhom. Jeħtieġ li nsaħħu l-

miżuri ta' solidarjetà fid-dawl tal-intensifikazzjoni tad-diżastri relatati mal-klima. L-uniku mod affordabbli huwa li jiġi żgurat li kull investment jista' jiflaħ għall-impatti klimatiċi mid-disinn, peress li huwa ferm orħos milli nibnu kollox mill-ġdid wara d-diżastri.

B'ħarsa 'l quddiem lejn l-impatti fit-tul, beħsiebni nenfazizza l-miżuri preventivi b'mod aktar qawwi. Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw prijorità. Dawn il-miżuri naqqsu b'mod effettiv l-impatt tad-diżastri naturali filwaqt li kkontribwew għall-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Huwa meħtieġ ukoll approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ilma, li jindirizza kemm il-prevenzjoni tal-għargħar kif ukoll il-mitigazzjoni tan-nixfa. Filwaqt li l-Politika ta' Koeżjoni diġà tappoġġa miżuri ta' ġestjoni tal-ilma, il-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri jridu jitfasslu biex jikkunsidraw l-impatti tat-tibdil fil-klima.

L-investimenti fil-protezzjoni kontra l-għargħar u r-reżiljenza għan-nixfa jridu jkunu allinjati mill-qrib mal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tar-riskju. Il-qafas tal-kundizzjoni abilitanti saħħa l-effettività ta' dawn l-investimenti, u għandna nesploraw modi kif dawn il-kundizzjonijiet jiġu adattati aktar għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri u r-reġjuni individwali. Dan jista' jinkludi t-tisħiħ tal-infrastruttura biex tirreżisti għat-temp estrem, it-titjib tas-sistemi ta' twissija bikrija, u l-integrazzjoni sħiħa tal-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima fl-ippjanar lokali u reġjonali. It-tibdil fil-klima jaggrava l-iżolament eżistenti, u jagħmilha aktar diffiċli għar-residenti f'żoni kostali, muntanjużi jew remoti biex jaċċessaw il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u l-ilma nadif. It-tisħiħ tat-trasport u tal-infrastruttura diġitali mhux biss se jgħin biex jittaffa l-impatt tad-diżastri naturali iżda wkoll biex dawn il-komunitajiet isiru aktar reżiljenti.

Fl-aħħar nett, il-protezzjoni tal-interessi u r-reżiljenza tal-komunitajiet kostali tal-UE se tibqa' prijorità, bil-komunitajiet u r-reġjuni kostali jospitaw 40 % tal-popolazzjoni tal-UE. Id-danni ekonomiċi mill-għargħar kostali fl-UE, li bħalissa jammontaw għal EUR 1 biljun fis-sena, huma mbassra li jiżdiedu drastikament fis-snin li ġejjin minħabba t-tisħin globali. Il-Patt dwar l-Oċeani, taħt it-tmexxija tal-Kummissarju għas-Sajd u l-Oċeani, se jħares lejn kif il-komunitajiet kostali jistgħu jiġu appoġġati. Dan il-Patt se jrawwem approċċ olistiku, li jintegra d-dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali, filwaqt li jiżgura li l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-komunitajiet u l-industriji kostali lokali, ikunu involuti fil-governanza tal-oċeani. Se jstabbilixxi qafas għal żoni tal-oċeani u kostali b'saħħithom, reżiljenti u produttivi, u b'hekk inaqqas il-vulnerabbiltà tagħhom għat-tibdil fil-klima.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Baġits

8. X'beħsiebek tistabbilixxi fil-prattika biex twettaq il-missjoni li ġejt fdat biha "biex tallinja l-politika ta' koeżjoni mal-prijoritajiet usa' tal-UE, tagħmilha aktar iffukata, aktar sempliċi u li tħalli aktar impatt u tgħin biex jiġu mobilizzati r-riformi u l-investment"? Il-politika ta' koeżjoni kif se taqbel mat-talba tal-President elett għal approċċ ibbażat fuq il-politika għall-baġit fit-tul li jmiss tal-UE? B'mod partikolari jekk l-implimentazzjoni għandha tkun ibbażata fuq "pjan għal kull pajjiż li jorbot ir-riformi ewlenin mal-investimenti", kif se tiżgura li jkun hemm biżżejjed flessibilità filwaqt li jinżamm rekord ċar tal-awditjar, valur miżjud Ewropew ċar b'dimensjoni transfruntiera viżibbli għall-infiq li jinvolvi l-awtoritajiet reġjonali u lokali, valur reali għall-flus u li l-Parlament ikollu rwol fuq l-istess livell mal-Kunsill fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-fondi?

Il-President elett von der Leyen fdatni bil-missjoni li nagħmel il-politika ta' koeżjoni mutur ewleni tar-riformi u l-investimenti tal-UE. Għalija din hi opportunità biex nimmodernizza u nsaħħa ir-rwol tagħha fit-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, fit-trawwim ta' konverġenza 'l fuq, fit-tisħiħ tal-produttività, l-innovazzjoni u l-kompetittività u fl-appoġġ lill-awtoritajiet reġjonali u lokali. Jien impenjat li niżgura li l-politika ta' koeżjoni tallinja mal-prijoritajiet usa' tal-UE, issir aktar sempliċi u aktar iffukata, u tkompli twassal benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u l-kumpaniji tagħna.

L-ewwel u qabel kollox, filwaqt li l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fiha nnifisha hija objettiv tal-Unjoni, il-politika ta' koeżjoni trid tkun allinjata bis-sħiħ mal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, inklużi l-kompetittività, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u r-reżiljenza ekonomika u soċjali. B'dan il-mod, se tiżgura li l-ebda reġjun, kemm jekk urban, rurali jew ultraperiferiku, ma jitħalla jibqa' lura hekk kif naħdmu lejn Ewropa aktar b'saħħitha u aktar sostenibbli. Il-QFP li jmiss se jipprovdi opportunità unika biex dan isir.

Is-sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali se tkun fil-qalba tal-politika ta' koeżjoni futura. Dawn l-awtoritajiet huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-politiki tagħna jkunu jistgħu jiddependu fuq sjieda wiesgħa u li l-investimenti tagħna jkunu mmirati tajjeb u jħallu impatt fil-prattika. Fl-ittra ta' missjoni tiegħi ġejt inkarigat espressament biex nagħti attenzjoni partikolari lill-involviment tal-awtoritajiet reġjonali u lokali. Jekk niġi kkonfermat, bħala Viċi

President Eżekuttiv se nżomm djalogu mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali rilevanti kollha biex nidentifika kwalunkwe impediment għall-aċċess għall-fondi tal-UE u se nagħti attenzjoni speċifika lill-involvement mill-qrib tagħhom biex nappoġġa s-sjeda u l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi fil-prattika.

Fid-dawl tat-tħejjijiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, u sabiex niżguraw li l-politika ta' koeżjoni tkun iffukata sew, se naħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Billi niffukaw fuq prijoritajiet kondiviżi tal-UE - bħat-tnaqqis tad-disparitajiet, il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u t-tiżni tal-kompetittività - se niżguraw li l-investimenti tagħna jkollhom impatt li jista' jitkejjel. Għal dan l-għan, se naħdem mal-Istati Membri biex niżgura li l-finanzjament ta' koeżjoni jintuża biex jappoġġa riformi kruċjali fis-servizzi pubbliċi, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, it-trasport, u l-konnettività diġitali. Dawn ir-riformi se joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex in-negozji jirnexxu u biex il-komunitajiet jikbru aktar b'saħħithom, b'mod partikolari f'reġjuni li jinsabu f'riskju li jaqgħu lura.

Il-politika ta' koeżjoni se tkompli wkoll trawwem il-kooperazzjoni transfruntiera bħala parti essenzjali mill-integrazzjoni Ewropea. Billi ttejjeb it-trasport, il-konnettività diġitali, u s-servizzi pubbliċi, il-politika ta' koeżjoni se ttejjeb il-konnettività bejn ir-reġjuni, filwaqt li tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku.

Politika ta' koeżjoni aktar sempliċi se tgħin ukoll biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb l-effiċjenza. Barra minn hekk, l-impatt se jinkiseb billi nużaw il-finanzjament ta' koeżjoni biex jiġu attirati investimenti privati u nazzjonali addizzjonali. Dan l-approċċ mhux biss se jimmassimizza l-impatt tar-riżorsi finanzjarji tal-UE iżda se jiżgura wkoll li kull euro li jintefaq mill-baġit ta' koeżjoni jagħti valur miżjud Ewropew ċar, filwaqt li jrawwem il-konverġenza u l-kompetittività fit-territorji kollha.

Filwaqt li l-politika ta' koeżjoni trid tkun aktar iffukata u strateġika, il-flessibilità hija essenzjali għas-suċċess.

Fl-istess ħin, irridu nżommu rekord tal-awditjar ċar u sorveljanza finanzjarja robusta. Il-politika ta' koeżjoni se jissodisfaw l-oġġetti standards ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Il-politika ta' koeżjoni trid tiżgura valur għall-flus, u kull investment irid juri l-valur miżjud Ewropew tiegħu. Għal dan l-għan, jien impenjat li nżomm mekkaniżmi rigorużi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jiżguraw it-trasparenza, l-akkontabbiltà, u l-effiċjenza fl-użu tal-fondi tal-UE. Il-Parlament Ewropew se jkollu rwol kruċjali fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiżgura li l-iskrutinju demokratiku jiġi rispettata bis-sħiħ.

Se ninsisti fuq approċċ li jiżgura fluss trasparenti ta' informazzjoni u se nkun disponibbli għal impenn ta' livell għoli bejn l-istituzzjonijiet matul il-fażi ta' implimentazzjoni.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij

Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

9. Minħabba r-rati ta' assorbiment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), taħseb li l-RRF kienet rapida u mmirata biżżejjed biex tistimula l-ekonomija wara l-kriżi tal-COVID-19? Bħala l-Kummissarju responsabbli, kif se tiżgura li l-fondi tal-RRF jintużaw bl-aktar mod effettiv? F'każijiet fejn l-investimenti x'aktarx li ma jitlestewx sal-2026, se tipproċedi bl-irkupru ta' fondi ttrasferiti lill-Istati Membri? Tara l-RRF bħala preċedent biex jiġu indirizzati l-kriżi u d-diskrepanzi sinifikanti fil-finanzjament?

Nemmen li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienet kemm rapida kif ukoll immirata biex tistimula l-ekonomija wara l-kriżi tal-COVID-19. Fil-fatt, sal-aħħar ta' Awwissu 2024, aktar minn 40 % tal-fondi impenjati taħt il-Faċilità kienu diġà ġew żborżati lill-Istati Membri, kważi 50 % tal-għotjiet u aktar minn 30 % tas-self. Din hija rata storika ta' assorbiment meta mqabbla ma' programmi ta' nfiq tal-UE fil-passat.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tat kontribuzzjoni deċiżiva għall-appoġġ tal-irkupru ekonomiku wara l-pandemija b'diversi modi. Wara l-kriżi tal-COVID-19, l-investment pubbliku mhux biss baqa' stabbli, iżda fil-fatt kiber minn 3 % tal-PDG fl-2019 għal 3,5 % fl-2023, bi kważi nofs dak it-tkabbir xprunat mill-appoġġ tal-UE, b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Barra minn hekk, it-tħabbira nnifisha tan-NextGenerationEU fl-2020 ikkontribwiet, ma' azzjonijiet politiċi nazzjonali u tal-UE oħrajn, għat-tnaqqis tal-firxiet tal-bonds sovrani. Fl-istess ħin, il-prefinanzjament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kellu rwol ewlieni biex jagħti spinta lill-irkupru tal-UE, peress li pprova spazju fiskali addizzjonali immedjat lill-Istati Membri, u kellu rwol stabilizzanti wara l-pandemija, filwaqt li l-mudell ta' implimentazzjoni tal-Faċilità, li jipprema l-progress fl-implimentazzjoni, ipprova appoġġ finanzjarju sostnut lill-Istati Membri.

Madankollu, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma kinitx biss strument għall-kriżijiet, iżda wkoll strument biex tingħata spinta lir-reżiljenza tal-UE u biex l-ekonomija u s-soċjetajiet tagħna jsiru aktar b'saħħithom u adatti għall-futur. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stimulat l-ekonomija filwaqt li appoġġat il-konverġenza, peress li l-koeffiċjent tal-allokkazzjoni tagħha kien infassal biex jikkonċentra l-appoġġ fuq Stati Membri b'introjtu aktar baxx u aktar vulnerabbli li ntlawt l-aktar mill-pandemija. Barra minn hekk, ir-rekwiżit għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza biex jiġu indirizzati l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom stabbilit fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ippermetta lill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza timmira l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru, filwaqt li tappoġġa l-prijoritajiet komuni tal-UE.

Kif analizzat fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienet effettiva ħafna fl-appoġġ tal-prijoritajiet komuni tal-UE u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin, tant mistennija. Pjanijiet ambizzjużi għall-irkupru u r-reżiljenza rawmu l-progress fis-sitt pilastri kollha li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Faċilità, inkluż b'mod partikolari t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u l-koeżjoni soċjoekonomika.

Iżda dan l-isforz għadu 'l bogħod milli jintemm. L-aħjar mod biex niżguraw li l-Faċilità tintuża bl-aktar mod effettiv huwa li ngħinu lill-Istati Membri jwettqu bis-sħiħ l-impenji tagħhom sal-2026. Din hija r-responsabbiltà kollettiva tagħna u sfida ewlenija futura kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni. Għalhekk, jekk niġi kkonfermat, bħala Viċi President Eżekuttiv se naħdem id f'id mal-Kummissarju għall-Ekonomija u l-Produttività sabiex l-Istati Membri jwettqu r-riformi u l-investimenti miftiehma stabbiliti fil-pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza sal-iskadenza tan-nefqa tal-2026, kif stabbilit fl-ittra ta' missjoni tiegħi. L-għan huwa, u jibqa' li nilħqu l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji u għalhekk l-iżborżi sħaħ tal-fondi impenjati taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tfasslet b'regoli ċari u qafas robust ibbażat fuq il-prestazzjoni. Il-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa marbut mar-riżultati. Il-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti jitkejjel permezz ta' stadji importanti u miri li huma distribwiti b'mod xieraq matul il-ħajja tal-istrument, biex tiġi segwita l-implimentazzjoni b'linji bażi u għanijiet ċari li għandhom jintlaħqu. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tippremja dan il-progress billi tiżborża l-ammonti marbuta mal-kisba tal-istadji importanti u l-miri.

Hekk kif qed noqorbu lejn l-iskadenza finali tal-2026, il-Kummissjoni se tkun qed tivvaluta kontinwament jekk l-Istati Membri hux qed iwettqu l-impenji tagħhom u jekk l-istadji importanti u l-miri finali humiex probabbli li jintlaħqu sa dak iż-żmien. Jekk dan ma jkunx il-każ, skont il-qafas leġiżlattiv attwali se ninvolvi ruħi mal-Istati Membri rilevanti dwar kif għandhom jemendaw il-pjanijiet tagħhom u jiżguraw li l-fondi jkunu ffukati fuq investimenti alternattivi daqstant ieħor ambizzjużi li jistgħu jitlestew matul il-ħajja tal-Faċilità. Jekk, minkejja dawn l-isforzi, xi wħud mill-aħħar stadji importanti jew miri xorta jitqiesu li ma ntlawqox b'mod sodisfaċenti, l-iżborż korrispondenti ma jsirx.

Għall-ħames snin li ġejjin, l-ambizzjoni tal-Kummissjoni hija li tkun "Kummissjoni tal-Investment", kif indikat mill-President elett von der Leyen fil-Linji Gwida Politiċi. Fil-mandat preċedenti, l-Ewropa wittiet it-triq lejn programm ta' modernizzazzjoni ambizzjuż. In-NextGenerationEU qed jipprovi spinta sinifikanti fl-investment, li qed jgħin biex jiġi sfruttat il-finanzjament meħtieġ għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u soċjali. Mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tgħallimna dwar il-ħtieġa għas-sempliċità u l-flessibbiltà, il-veloċità u l-enfasi strateġika fl-infiq tagħna. Madankollu tgħallimna wkoll dwar il-ħtieġa li jittejjeb l-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-partijiet ikkonċernati, u s-sħab soċjali u l-qafas attwali tal-awditjar u l-kontroll. Dawn it-tagħlimiet għandhom jiġu riflessi fil-politiki ta' finanzjament futuri tagħna.

Iżda l-ħtiġijiet ta' investment tal-Ewropa ma jistgħux jiġu ffinanzjati mill-fondi pubbliċi biss. Kif enfasizzat kemm fir-rapport ta' Draghi kif ukoll f'dak ta' Letta, il-maġġoranza ta' dawn l-investimenti se jkollhom jiġu mis-settur privat. Filwaqt li s-settur pubbliku għandu wkoll rwol deċiżiv fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet qafas it-tajba, eż. permezz tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, l-UE tista' tipprowdi wkoll inċentivi u ingranaġġ għas-settur privat.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

10. L-ittra ta' missjoni tiegħek tinsisti "li ċ-ċittadini kollha għandhom dritt effettiv li jibqgħu [...] billi jappoġġjaw dak li teħtieġ komunità" b'mod partikolari billi "jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali". Fost politiki oħra, din tolqot il-politiki dwar l-impjiegi u daww soċjali, inkluża l-inklużjoni soċjali. X'proposti u miżuri konkreti tipprowdi biex tindirizzata din l-isfida u ttejjeb l-aċċess għal servizzi soċjali u tal-impjiegi ta' kwalità, u kif tara li l-pjanijiet

tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jikkontribwixxu għal dan l-objettiv, u b'mod aktar ġenerali, għall-implimentazzjoni effettiva tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali?

B'mod partikolari, minħabba l-impenn tal-UE li tippromwovi d-deistituzzjonalizzazzjoni u tiżgura li l-persuni b'diżabbiltà, it-tfal, u gruppi oħra f'sitwazzjoni vulnerabbli jgħixu bi drittijiet ugwali, kif qed tippjana li tiżgura li l-finanzjament futur tal-UE u l-politika ta' koeżjoni jappoġġjaw b'mod effettiv is-servizzi bbażati fil-komunità u s-soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni affordabbli? Kif beħsiebek taħdem fuq dan mal-Kummissarju nnominat Jørgensen?

Jekk niġi kkonfermat, se nieħu passi konkreti biex niżgura li t-tegħlib tad-disparitajiet reġjonali jibqa' prijorità fil-qalba tal-Politika ta' Koeżjoni. Se nistinka biex niżgura li ċ-ċittadini jkollhom dritt effettiv li jibqgħu fil-post li jsejħu darhom u li jkunu jistgħu jibqgħu fil-komunitajiet tagħhom billi ntejbu l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-attivitajiet privati, l-impjiegi ta' kwalità, l-edukazzjoni u l-ħiliet, is-saħħa, it-trasport u l-konnettività diġitali. Dan se jinvolvi d-direzzjoni tal-investimenti lejn reġjuni li qed jiffaċċjaw staġnar ekonomiku, depopolazzjoni, u nases tal-iżvilupp, b'mod partikolari dawk li għadhom lura fit-tranżizzjoni ekoloġika u f'dik diġitali. Se naħdem mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex insaħħaħ il-kapaċitajiet amministrattivi tagħhom għal ġestjoni effettiva tal-fondi, filwaqt li niżgura li l-istrateġiji ta' żvilupp jifasslu skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Fir-rigward tad-dimensjoni soċjali tal-politika ta' koeżjoni, biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi stabbiliti fl-ittra ta' missjoni tiegħi, se nkompli nibni fuq il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Diġà għandna pedamenti b'saħħithom fis-seħħ għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali għall-2021-2027. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jgħin b'mod partikolari biex jittejbu l-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi soċjali fir-reġjuni kollha tal-UE, b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli u għall-persuni b'diżabbiltà.

B'ħarsitna 'l quddiem, dimensjoni soċjali b'saħħitha fil-politika ta' koeżjoni hija vitali biex jiġi żgurat dritt effettiv li wieħed jibqa' fit-territorju. Se naħdem mill-qrib mal-Kummissarji sħabi, u speċjalment mal-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza, biex nikseb dan. Se naħdem ukoll b'mod attiv mal-Kummissarju għat-Thejjiya u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet, responsabbli għall-ugwaljanza, biex insaħħaħ l-aċċessibbiltà u s-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà. Jeħtieġ li l-Unjoni tkompli tiffaċilita d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà għal għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità biex dawn isiru realtà fil-prattika. Hawnekk ukoll, il-fondi tal-UE għandhom rwol importanti x'jaqdu biex jappoġġaw id-deistituzzjonalizzazzjoni.

Se nibni wkoll fuq it-tagħlimiet meħuda mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Faċilità kienet essenzjali biex tikkontribwixxi għall-aġenda soċjali tal-UE u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż fl-oqsma tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs. Skont il-Faċilità, is-sehem tal-miżuri li jkopru l-qasam soċjali u li jikkontribwixxu għall-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa mdaqqs, li jammonta għal kważi EUR 163 biljun, li huwa aktar minn 25 % tal-appoġġ finanzjarju kollu għall-irkupru u r-reżiljenza. Pereżempju, kważi l-pjanijiet nazzjonali kollha jinkludu miżuri biex jissaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa u biex jissaħħu l-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-biċċa l-kbira tal-pjanijiet nazzjonali jinkludu wkoll politiki attivi tas-suq tax-xogħol u azzjonijiet biex is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jsiru aktar effettivi. Fl-aħħar nett, il-maġġoranza tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludu wkoll miżuri mmirati lejn it-titjib tal-protezzjoni soċjali u s-servizzi soċjali u lejn l-appoġġ għall-akkomodazzjoni soċjali.

Barra minn hekk, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni hija tħassib importanti taċ-ċittadini Ewropej, u qed jistennew rispons robust. Il-President elett von der Leyen ħabbret l-ewwel Pjan Ewropew għall-Akkomodazzjoni Affordabbli li qatt sar fil-Linji Gwida Politiċi. Jekk niġi kkonfermat, se naħdem mill-qrib mal-Kummissarju għall-Enerġija u l-Akkomodazzjoni dwar l-aspetti relatati mal-isfida tal-akkomodazzjoni. F'konformità mal-Ittra ta' Missjoni tiegħi, se nikkontribwixxi għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida u l-Pjan Ewropew ta' Akkomodazzjoni Affordabbli, b'mod partikolari billi ninjetta likwidità fis-suq tad-djar u niżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jirdupplaw l-investimenti ppjanati tal-Politika ta' Koeżjoni f'akkomodazzjoni affordabbli. Mill-perspettiva tal-Politika ta' Koeżjoni, din il-ħidma se tkun marbuta mill-qrib mal-iżgurar ta' dritt effettiv taċ-ċittadini li jibqgħu fit-territorju.

Il-kwalità tal-istokk tal-bini, li huwa l-akbar konsumatur uniku tal-enerġija fl-Ewropa, hija kruċjali biex jintlaħqu l-miri tagħna dwar il-klima u l-enerġija, u biex jitnaqqas l-għoli tal-ħajja. Ir-rinnovazzjonijiet huma opportunità importanti biex jittejbu r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u r-reżiljenza tiegħu kif ukoll biex tiżdied id-disponibbiltà tal-ispazju tal-għajxien, b'mod partikolari fiż-żoni urbani. Filwaqt li jirrikjedu investment bil-quddiem, ir-rinnovazzjonijiet inaqqsu l-konsum tal-enerġija u jistgħu jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-faqar enerġetiku, li affettwaw 10,6 % tal-Ewropej fl-2023 li ma setgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat. Il-faqar enerġetiku se jiġi indirizzat ukoll permezz tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar billi jiġu kkunsidrati miżuri strutturali, b'mod partikolari l-effiċjenza enerġetika fl-akkomodazzjoni u l-aċċess għall-enerġija rinnovabbli.

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni diġà qed jiffinanzjaw il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' djar affordabbli, itejbu l-effiċjenza enerġetika, u jappoġġaw l-iżvilupp urban. Huma se jkomplu jagħmlu dan f'dan il-perjodu, flimkien ma' strumenti oħra, bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Mistoqsija mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

11. Skont l-ittra ta' missjoni korrispondenti, il-President von der Leyen inkarigat lill-Viċi President Eżekuttiv futur għall-Koeżjoni u r-Riformi biex "jiggwida l-ħidma fuq il-mobbiltà sostenibbli u t-turiżmu biex jgħaqqad partijiet differenti tal-Ewropa u jirfed Suq Uniku b'saħħtu". F'dan ir-rigward, int mistenni tappoġġja l-ħidma tal-Kummissarju futur għat-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu. Kif beħsiebek issegwi din il-kooperazzjoni u xi jkun l-istrateġija u l-prijoritajiet tiegħek kemm għat-trasport kif ukoll għat-turiżmu? Bħala Viċi President Eżekuttiv responsabbli mill-politika ta' koeżjoni u l-iżvilupp reġjonali, se jkollok ukoll impatt fuq it-tlestija tan-network TEN-T li għalih huwa responsabbli l-Kumitat TRAN. Kif tiżgura li l-implimentazzjoni tan-network TEN-T tiġi ffinanzjata u sostnuta b'mod adegwat mill-politika ta' koeżjoni tal-UE? Bħala persuna wkoll responsabbli mill-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi, il-gżejjer, iż-żoni rurali u l-bliet, xi rwol tara għat-trasport, bħala għodda għall-koeżjoni soċjali u l-konnettività, u kif beħsiebek tindirizza t-turiżmu f'dawn iż-żoni biex tippromwovi settur tat-turiżmu reżiljenti, sostenibbli u kompetittiv?

Nemmen li kemm it-trasport sostenibbli kif ukoll it-turiżmu huma kruċjali biex jissaħħu l-koeżjoni u l-prosperità tal-Ewropa. Il-konnettività hija essenzjali biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku. Il-garanzija li ċ-ċittadini u n-negozji kollha, irrispettivament minn fejn jinsabu, ikunu jistgħu jaċċessaw trasport affidabbli u affordabbli biex jiġi żgurat li jkun konnessi mal-bqija tal-UE u mad-dinja iġenerali hija prerekwiżit għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali u għall-għajxien tan-nies.

Fl-istess ħin, it-turiżmu għandu dimensjoni territorjali importanti, u ħafna reġjuni tal-UE jiddependu ħafna minnu. Jekk jiġi żviluppat b'mod sostenibbli, it-turiżmu huwa mutur għall-koeżjoni ekonomika u soċjali tar-reġjuni Ewropej, b'mod partikolari f'żoni remoti u rurali, fejn jista' jkun sors ewlieni ta' introjtu u ta' għajxien għall-komunitajiet lokali.

F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissarju għat-Trasport Sostenibbli u t-Turiżmu, se nappoġġja l-isforzi biex il-politiki tal-UE jiġu allinjati mal-ħtiġijiet reġjonali. Dan se jiżgura li l-isfidi speċifiċi ta' kull reġjun jintlaħqu filwaqt li jitrawmu t-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali. Flimkien, se nużaw il-finanzjament tal-UE biex nixprunaw it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali taż-żewġ setturi, u b'hekk nagħmluhom aktar reżiljenti u validi għall-futur. Se niżguraw li l-investimenti fit-trasport sostenibbli u t-turiżmu jibbilanċjaw id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali u ambjentali, li jippermettu lir-reġjuni jintegraw faċilment fis-suq uniku u jisfruttaw il-potenzjal ekonomiku tagħhom filwaqt li jappoġġaw l-għanijiet klimatiki u ta' koeżjoni territorjali tal-UE, u jtejbu l-kwalità tal-ambjent. Barra minn hekk, ninsab konvint li t-titjib tad-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tat-trasport għandu rwol kruċjali fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku u fil-koeżjoni. F'dan il-kuntest, se naħdem bil-ħsieb li niżgura aċċess wiesa' għal għażliet tat-trasport affordabbli għall-Ewropej kollha. L-indirizzar tal-faqar tat-trasport se jiġi indirizzat ukoll bħala parti mill-ewwel Strateġija Ewropea Kontra l-Faqar li qatt saret li għaliha l-Viċi President Eżekuttiv għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza se jkun fuq quddiem nett u li se nikkontribwixxi bil-ħerqa għaliha.

Minn naħa, irrid niżgura li l-implimentazzjoni tan-network TEN-T tirnexxi. L-objettiv ewlieni huwa t-tlestija tan-network TEN-T tagħna sal-iskadenzi miftiehma u li l-infrastruttura tal-UE ssir aktar reżiljenti għad-diżastri naturali. Dan jinkludi l-iffukar fuq l-Istati Membri li għadhom lura fl-iżvilupp tal-infrastruttura u l-investiment f'sezzjonijiet nazzjonali tat-TEN-T biex jintlaħqu l-istandards tal-UE u ssir konnessjoni mas-sezzjonijiet transfruntieri. Dawn l-investimenti se jagħtu prijorità lill-għażliet tat-trasport sostenibbli, filwaqt li jiżguraw li l-iżvilupp tal-infrastruttura jikkontribwixxi kemm għall-koeżjoni territorjali kif ukoll għas-sostenibbiltà ambjentali. Barra minn hekk, jekk niġi kkonfermat, beħsiebni nkompli naħdem biex nippermetti konnettività affordabbli, mobbiltà u aċċess għal servizzi kritiċi f'reġjuni b'sistemi tat-trasport ta' kwalità baxxa, bħar-reġjuni rurali, periferiċi, transfruntieri u ultraperiferiċi u nrawwem mobbiltà sostenibbli f'żoni urbani.

It-tieni, se nistinka biex niżgura li t-turiżmu jkollu post ġust fil-programmi ta' finanzjament filwaqt li nipprovdni biżżejjed flessibbiltà. Minħabba d-diversi angoli tiegħu, it-turiżmu jista' u għandu jibbenefika minn appoġġ f'diversi oqsma ta' politika. B'mod partikolari, se nħares lejn l-isfidi tat-turiżmu fil-bliet, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi. L-intenzjoni hija li nibnu fuq l-inizjattivi attwali biex jiġu promossi mudelli ta' turiżmu urban sostenibbli kif ukoll jiġu indirizzati l-konnettività, l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-isfidi ta' dipendenza għolja, filwaqt li ssir ħidma biex tiġi appoġġata d-diversifikazzjoni tal-mudell ekonomiku u jiġu ttestjati soluzzjonijiet

għodda. Se nibni fuq il-ħidma li għaddejja bħalissa biex niżgura li n-negozji tat-turiżmu u l-postijiet kulturali tagħna jsibuha aktar faċli biex isibu opportunitajiet ta' finanzjament, anke fil-livelli nazzjonali u reġjonali.

Nemmen bis-sħiħ li l-opportunitajiet ta' investment għandhom jibbenefikaw minn approċċi strateġiċi u integrati biex jiġu indirizzati l-isfidi taż-żewġ setturi, b'enfasi fuq is-simplifikazzjoni u billi nqisu l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati lokali, bl-involvement ta' għad-definizzjoni tal-interventi meħtieġa.

L-investimenti fit-trasport għandhom jiġu inklużi fl-ippjanar komprensiv tat-trasport, li jinkludi mmappjar multimodali tal-infrastrutturi eżistenti u pjanati, inklużi strateġiji ta' mobbiltà sostenibbli u investimenti fin-networks TEN-T, b'enfasi fuq il-pjanijiet ta' ħidma tal-Kuritur Ewropej tat-Trasport TEN-T. Din l-istrateġija se tgħin biex ir-reġjuni jiġu konnessi b'mod aktar effettiv ma' networks akbar tat-trasport, filwaqt li tikkontribwixxi għat-tlestija tas-suq uniku u trawwem l-iżvilupp ekonomiku, f'konformità mal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.

L-azzjonijiet tat-turiżmu għandhom jiġu inklużi fi strateġiji ta' żvilupp territorjali usa'. Jekk norbtu l-investimenti fit-turiżmu ma' pjanijiet ta' żvilupp lokali, Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, u inizjattivi ta' kooperazzjoni territorjali, inkunu nistgħu niżguraw li t-turiżmu jagħti spinta lill-ekonomiji lokali u jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali. Dan l-approċċ huwa definit sew fil-perkors ta' Tranżizzjoni għat-turiżmu u fl-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030. L-implimentazzjoni sħiħa tagħha teħtieġ approċċ strateġiku fil-livell tal-UE sabiex l-għodod kollha disponibbli, mill-finanzjament sal-politiki, jiġu mobilizzati għall-istess objettiv.

Il-konsolidazzjoni tar-rwol ewlieni tal-ekosistemi tat-trasport u tat-turiżmu sostenibbli se tkun tal-akbar importanza. Natul il-pandemija tal-COVID-19 il-koll rajna x'jiġri meta ma jkun hemm l-ebda turiżmu u l-mobbiltà tan-nies tiġi limitata. Dan kellu effett devastanti fuq is-saħħa tan-nisġa ekonomika u soċjali tal-Ewropa. Iż-żewġ setturi rkupraw minn dak iż-żmien 'l hawn. Jekk niġi kkonfermat, xogħli huwa li nibni fuq dan l-irkupru u li niżgura li dan ikun sostenibbli u ekwu. Huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li ż-żoni remoti ma jkunux biss konnessi tajjeb, iżda wkoll li t-trasport jibqa' affordabbli. Mingħajru, f'it li xejn ikun possibbli għalihom li jibbenefikaw minn turiżmu sostenibbli.

Mistoqsija mill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

12. Bħala Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea, kif se ssegwi l-objettiv trasversali tad-Direttorat Ġenerali li jiġu indirizzati l-kawżi u l-isfidi taż-żamma u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali? Kif tnaqqas id-distakk urban-rurali, tipromwovi l-iżvilupp tal-infrastrutturi, tappoġġja t-tranżizzjoni diġitali, tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi u b'mod ġenerali tagħmel iż-żoni rurali aktar attraenti għall-bdiewa kif ukoll għan-negozji? Kif tqis il-Patt Rurali u l-iżvilupp ulterjuri tiegħu? F'termini ta' finanzjament, kif beħsiebek tiżgura li l-fondi u l-politiki tal-UE jkunu komplementari biex jappoġġjaw iż-żoni rurali u li l-informazzjoni tkun aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati lokali?

Naqbel bis-sħiħ mal-objettivi tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE. Dan id-dokument li jhars 'il quddiem jiddeskrivi l-isfidi eżistenti biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali, kif ukoll l-opportunitajiet li għad iridu jiġu sfruttati. Beħsiebni niżgura koordinazzjoni bejn politiki settorjali differenti li għandhom impatt fuq iż-żoni rurali, speċjalment il-Politika ta' Koeżjoni u l-Politika Agrikola Komuni, li huma komplementari biex jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali fl-Ewropa u biex jagħmlu s-settur aktar sostenibbli. Aspett ewlieni jkun it-tiħiħ tal-implimentazzjoni tal-verifika rurali tal-inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tal-Kummissjoni Ewropea, kif mitlub mill-Parlament Ewropew fuq l-inizjattiva tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali fir-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022. Nimpenja ruħi li norganizza l-kooperazzjoni meħtieġa fost il-Kummissarji, biex niżgura li l-iżvilupp ekonomiku, il-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-attraenza taż-żoni rurali jkunu inkorporati fl-ippjanar futur u fl-isforzi baġitarji.

L-aċċess għas-servizzi, l-infrastruttura, il-konnettività diġitali u l-ħiliet huma l-pedamenti biex l-intraprenditorija ssir aktar attraenti f'dawn iż-żoni, billi nibdew bl-industrija agrikola u tal-ikel li matul is-snin saret pilastru tal-kampanja. Madankollu, iż-żoni rurali remoti u depopolati jbatu minn nuqqas ta' servizzi. Jeħtieġ li niżguraw li l-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali ma jkunux lussu. Għandna niżguraw li dawn ikunu disponibbli b'mod wiesa' għall-pubbliku kif previst fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Jekk niġi kkonfermat, nimpenja ruħi li nkompli naħdem fuq il-Pjan ta' Azzjoni tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE, fejn il-ħolqien tan-negozju, l-appoġġ għal dawk eżistenti, it-titjib tas-servizzi u l-appoġġ għall-innovazzjoni, b'mod partikolari dik diġitali, għandhom isiru ċentrali. Irridu nallinjaw il-politiki nazzjonali u reġjonali mal-prijoritajiet u l-flussi ta' finanzjament tal-UE biex nimmassimizzaw l-impatt tagħhom. Dan jista' jinkiseb billi titħeġġeġ l-implimentazzjoni

ta' strateġiji olistiċi għaż-żoni rurali fil-livelli nazzjonali u reġjonali li jiżguraw ippjanar komprensiv u kollaborazzjoni bejn il-livelli kollha ta' governanza, f'konformità mal-Viżjoni Rurali. Se niżgura li nistabbilixxi djalogu mal-komunitajiet rurali, b'mod partikolari maż-żgħażgħ rurali. Il-Patt Rurali wera li huwa forum importanti għall-kooperazzjoni u qed isegwi l-eżempju ta' interazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati urbani. L-attivitajiet tal-Patt Rurali kkontribwew biex jimplifikaw l-ilħna rurali, jippermettu n-networking, u jħeġġu l-azzjoni għaż-żoni rurali. Fid-dawl tal-approċċ ta' suċċess tiegħu, nimpjenja ruħi li nkompli nappoġġa u, fejn meħtieġ, napprofondixxi u ntejjeb il-Patt Rurali.

Illum, il-politiki tal-UE huma mgħammra b'firxa wiesgħa ta' għodod territorjali u strumenti ta' politika oħra effettivi fl-indirizzar tal-isfidi rurali, b'mod partikolari fit-tieni pilastru tal-PAK, li jinkludi programmi bħal LEADER, żvilupp lokali mmexxi mill-komunità li kien wera l-valur miżjud tiegħu, kif ukoll Irħula Intelliġenti iżda wkoll strateġiji għal żvilupp territorjali integrat. Fl-ewwel sena tal-mandat tiegħi se nanalizza dak li jeżisti u nivvaluta kif l-għodod attwali jistgħu jsiru aktar effiċjenti biex jiġu appoġġati l-komunitajiet rurali u l-bdiewa biex jimxu lejn mudelli ta' produzzjoni li jikkombinaw bl-aħjar mod it-tliet livelli ta' sostenibbiltà: soċjali, ekonomiku u ambjentali.

Il-politika ta' koeżjoni tipprovdni wkoll appoġġ wiesa' għaż-żoni rurali, b'mod partikolari permezz ta' interventi territorjali integrati, inklużi dawk immirati lejn it-tiġħ tal-interazzjonijiet urbani-rurali fil-kuntest tal-iżvilupp urban sostenibbli. Iż-żoni rurali jibbenefikaw ukoll minn appoġġ għal żoni urbani żgħar, li jaġixxu bħala punti ankra u ċentri tal-infrastruttura u tas-servizzi għaż-żoni rurali.

Irrispettivament mid-disinn tal-arkitettura tal-fondi tal-UE li jmiss, li d-definizzjoni tagħha tinsab quddiemna, irridu niggarantixxu li l-ħtiġijiet tan-nies rurali jiġu identifikati b'mod ċar u indirizzati kif xieraq u jitqiegħdu fil-qalba tal-politiki differenti. Hija meħtieġa valutazzjoni dwar kif il-komunitajiet rurali huma mmirati. F'dan ir-rigward, se jkun kruċjali li jkun hemm objettivi u indikaturi speċifiċi għaż-żoni rurali fil-fondi u l-politiki futuri tal-UE. It-tiġħ tal-Osservatorju Rurali li nholq reċentement se jkkontribwixxi għal dan l-objettiv. Se jkun kruċjali li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ għodod effettivi li jippermettu lill-partijiet ikkonċernati lokali u rurali, billi nibdew bil-bdiewa u l-produtturi agroalimentari biex ikunu involuti bis-siġħ fil-proċess. Il-bini tal-kapaċità tagħhom biex jaċċessaw il-finanzjament tal-UE, il-komunikazzjoni dwar l-opportunitajiet eżistenti permezz ta' attivitajiet ta' networking u inizjattivi bħas-sett ta' għodod dwar il-finanzjament tal-UE għaż-żoni rurali se jkun l-prijoritajiet tiegħi.

Mistoqsija mill-Kumitat għas-Sajd

13. Kif tagħmel is-settur tas-sajd aktar reżiljenti, sostenibbli u kompetittiv fis-suq globali, tikkontribwixxi għat-tiġdid ġenerazzjonali u ġġib benefiċċju għall-komunitajiet kostali u r-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li tassigura l-koeżjoni ta' dawn it-territorji u fi ħdan l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew?

Il-futur tas-sajd, kemm ekonomikament kif ukoll bħala settur attraenti għaż-żgħażgħ, jiddependi fuq oċean b'saħħtu, stokkijiet ta' ħut abundanti, u impenn għas-sikurezza u l-innovazzjoni. Is-sejbien tal-bilanċ it-tajjeb bejn il-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar tagħna, u l-investment fil-futur tas-sajd, se jkun kruċjali biex tiġi ssalvagwardjata l-vijabbiltà fit-tul tal-industrija tas-sajd, b'mod partikolari l-flotta fuq skala żgħira.

Jekk niġi kkonfermat, se nappoġġa lill-Kummissarju għas-Sajd u l-Oċeani fil-missjoni tiegħu.

Biex tingħata spinta lir-reżiljenza, kemm il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għandhom bżonn ikomplu jagħtu prijorità lill-investimenti fl-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni fi ħdan il-qafas legali attwali. Permezz tal-FEMSA se nkomplu nappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, filwaqt li nfittxu bilanċ ambizzjuż bejn is-salvagwardja meħtieġa tal-istokkijiet tal-ħut u t-tiġħ tar-reżiljenza tas-settur. Kemm il-Fondi tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll il-FEMSA għandhom rwol ċentrali fl-indirizzar tal-isfidi uniċi li jiffaċċjaw ir-reġjuni kostali tal-UE, mill-Mediterran sal-kosti tal-Atlantiku, u r-reġjuni ultraperiferiċi, li spiss jiddependu ħafna fuq is-sajd. Dawn iż-żoni huma aktar vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet ekonomiċi u l-bidliet ambjentali, u għalhekk huwa essenzjali li jiġi pprovdut appoġġ immirat biex tiġi żgurata r-reżiljenza tagħhom, filwaqt li jiġu żviluppati soluzzjonijiet li jggarantixxu ekwivalenti tal-istandards produttivi mas-sħab kummerċjali tal-pajjiżi terzi. Se nkomplu nagħtu prijorità lill-finanzjament għall-iżvilupp tal-infrastruttura f'dawn ir-reġjuni, filwaqt li ntejbu l-konnettività u l-aċċess għas-swieq. Barra minn hekk, se nappoġġaw is-settur tas-sajd u d-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni diġitali tiegħu, iżda wkoll l-akkwakultura sostenibbli u setturi emerġenti ġodda tal-ekonomija blu, biex ikun possibbli għall-komunitajiet kostali li jibbenefikaw minn ekonomiji diversifikati. Jekk niġi kkonfermat, se nagħti attenzjoni speċjali biex

nindirizza d-disparitajiet soċjali u ekonomiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi. Kemm il-Fondi tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll il-FEMSA jistgħu jgħinu biex jippromwovu l-inklużività, joffru assistenza finanzjarja mmirata lis-sajjeda fuq skala żgħira u jippromwovu proġetti ta' innovazzjoni soċjali li jintegraw is-sajd, b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira, fi strateġiji ta' żvilupp reġjonali usa'.

Fl-aħħar nett, se nappoġġa bil-qawwa lill-Kummissarju għas-Sajd u l-Oċeani fl-iżvilupp ta' viżjoni ċara għal settur tas-sajd reżiljenti, sostenibbli u kompetittiv b'perspettiva għall-2040, fl-introduzzjoni ta' strateġija olistika, li tħares 'il quddiem u ambizzjuża għall-oċean, permezz tal-Patt Ewropew dwar l-Oċeani, u fil-promozzjoni tal-prijorità tal-Unjoni biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-UE u pajjiżi terzi.